MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 52/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Borg talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur u gimghat, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) Naqas li jaghti lil martu Mariella Borg ghaliha u/jew ghal wild minuri s-somma ta' Lm988 (Euro 2301) rappresentanti manteniment ghax-xhur ta' Awissu 2007, Settembru 2007 u Novembru 2007 u dan bi ksur tal-ordni

tal-Qorti moghtija bis-sahha ta’ zewg digrieti wiehed bin-numru 1659/2003 u l-iehor bid-data ta’ 2 ta’ Jannar 2006;

(2) B’hekk sar recidiv bis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u cioe` Appell Nru. 270/2006 (DS) datat 9 ta’ Frar 2007, Appell Nru. 181/07 (JGD) datat 12 ta’ Lulju 2007, Appell Nru. 222/2007 (VDG) datat 12 ta’ Ottubru 2007;

(3) U aktar talli n-nuqqas ta’ hlas tal-manteniment ghax-xahar ta’ Novembru 2007 sar matul il-perijodu tas-sentenza sospiza kkonfermata b’sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Nru. 222/2007(VDG)) b’hekk gie li ghamel reat fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Borg hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 338(z), 18, 28B(1), 49 u 50 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal erba’ (4) xhur prigunerija u inoltre ordnat illi tidhol fis-sehh sentenza moghtija fil-konfront ieghu mill-Qorti ta’ l-Appell datata 12 ta’ Ottubru 2007 fejn kien gie kkundnnat xahrejn prigunerija sospizi ghal sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Patrick Borgipprezentat fis-27 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghal piena komplessiva ta’ sitt xhur prigunerija u minflok tilliberah mit-tielet imputazzjoni u tikkundannah piena izjed miti fir-rigward ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-piena erogata mill-ewwel Qorti hi eccessiva u sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz; (2) l-ewwel Qorti ma setghetx tordna li s-sentenza sospiza moghtija fit-12 ta’ Ottubru 2007 tingieb fis-sehh in kwantu r-reat kommess minnu mhuwiex reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Sejjer l-ewwel jigi kkunsidrat it-tieni aggravju li dwaru l-appellant ghandu ragun. L-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-Qorti ghandha tordna li sentenza sospiza tibda ssehh **“meta persuna tinstab hatja ta’ <u>reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija</u>, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). Ir-reat addebitat lill-appellant hu reat kontravvenzjonali li mhux punibbli bi prigunerija (salv naturalment fejn il-piena tista’ tizdied minhabba l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 18 jew 53 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta). Dak li jidher li trid il-ligi pero` hu li tittiehed in konsiderazzjoni l-piena preskritta mil-ligi ghar-reat minghajr ma jittiehed kont ta’ tali zidiet. Ghalhekk it-tieni aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi milqugh.

Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellant jghid li hu m’ghandux introjtu stabbli u mhuwiex f’posizzjoni li jaderixxi ma’ l-ordnijiet moghtija fid-digrieti tal-Qorti minghajr l-ghajnuna ta’ terzi, partikolarment il-genituri tieghu. Jghid li hu konsapevoli mill-fatt li jekk persuna tisfa bla xoghol dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili u li r-rimedju f’dawn is-sitwazzjonijiet hu li tadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Jghid li huwa ghamel diversi rikorsi u ghad hemm wiehed pendenti. Ghalhekk id-diffikultajiet riskontrati minnu kull xahar ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ piena.

L-appellant jaf sew il-posizzjoni skond il-gurisprudenza taghna. Difatti bhalma qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta’ Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Naturalment f'kull kaz ic-cirkostanzi partikolari attinenti jittiehdu in konsiderazzjoni meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi dwar il-piena applikabbli, u hekk jidher li ghamlet l-ewwel Qorti meta qieset kemm ix-xiehda ta' mart l-appellant u dik ta' l-istess appellant kif ukoll li l-appellant huwa plurimurecidiv fl-istess reat.

Quddiem din il-Qorti pero` kien hemm tibdil fic-cirkostanzi peress illi l-appellant hallas il-manteniment dovut u li dwaru saru dawn il-proceduri.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament."**

Ghaldaqstant hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha kwantu ghall-htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u in kwantu kkundannatu erba' xhur prigunerija u ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2007, u minflok tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah u tikkundannah *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€58.25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------